# It-Tifkira Tagħhom Fostna Tibqa'

kitba ta' Joseph GM BORG



Kull min jagħmel il-ġid lill-għajru jista' jissejjaħ benefattur. Fost il-benefatturi tal-Komunità Nisranija li għexu f'din il-Parroċċa tagħna tul dawn l-aħħar erba' mitt sena li għaddew, żgur li jiġu minn ta' quddiem is-saċerdoti jew qassisin li għexu fostna tul dawn is-snin kollha jagħmlu l-ġid kemm spiritwali u kemm dak materjali. Alla biss jista' jkejjel il-ġid spiritwali kbir li wettqu f'ħajjithom.

Jinteressana nsemmu ta' l-anqas, f'din il-kitba, lil dawk il-qassisin li ħallsu jew taw minn buthom biex issir xi opra li baqgħet għalina bħala t-tifkira tagħhom. Lil dawn aħna mdorrijin ngħodduhom bħala benefatturi tal-Knisja Arċipretali li għandna llum u dik Parrokkjali li kellna qabilha jew inkella tal-Parroċċa kollha inġenerali. Ma' dawn irridu nżidu wkoll 'il dawk li minflok flushom taw ħidmiethom u saħħithom biex żejnu dejjem iżjed il-knisja tagħna jew inkella oħrajn li ħasbu biex fil-Mosta jkun hawn Ċentri tad-Duttrina Nisranija u oħrajn Pastorali għall-ħtiġijiet spiritwali tal-poplu Nisrani tagħna. Dawn ukoll għalina kienu benefatturi.



L-inkwadru magħruf bħala 'San Bastjan' iżda miegħu hemm ukoll Santu Rokku u Santa Rożalija – xogħol ta' Stefanio Erardi fl-1676.

## Qassisin Benefatturi Mostin tul is-Seklu Sbatax

Matul dan is-seklu niltaqgħu mal-qassis ħabrieki mill-Mosta Dun Salv Fenech li flimkien ma' Florio Borg ħallsu biex tinbena mill-ġdid il-knisja filjali ta' Sant'Anton Abbati fl-1659. Għall-knisja l-qadima, dik ta' Dingli, ħallas għall-erba' kwadri sbieħ ta' San Kożma u San Damjan, San Lawrenz u San Filippu Neri. Dawn il-kwadri - xogħol sabiħ ta' Stefano Erardi - għadna nistgħu ngawduhom sal-lum, għax jinsabu mdendlin fis-sagrestija ewlenija li għandha r-Rotunda bl-arma ta' Fenech impittra taħt, fuq kull wieħed minnhom. Dun Salv Fenech kien ukoll Kappillan ta' l-Isla u miet fis-6 ta' Jannar, 1689.

Dun Gio Maria Galea (Kappillan tal-Mellieħa) għandu ismu u s-sena 1647 fuq il-kwadru ta' San Rokku flimkien ma' San Bastjan u Santa Rożalija - xogħol il-pittur magħruf Stefanio Erardi. Illum dan il-kwadru li sar għall-knisja parrokkjali l-qadima wirtitu r-Rotunda fejn narawh fuq l-artal tal-Kappella ddedikata lil dawn il-qaddisin Protetturi ta' l-impestati. Jidher li sar b'xi wegħda u b'ringrazzjament tal-ħelsien mill-pesta li ħakmet lil pajjiżna fl-1676. Dun Gio Maria Galea miet ta' 67 sena nhar it-22 ta' Mejju, 1688.

Qassis ieħor Mosti żgur li ma jintesiex f'din il-Parroċċa għax għandu ismu marbut mal-kwadru sabiħ u għażiż ta' l-Assunta. Dan il-kwadru titulari sar b'legat li kien ħalla Dun Ġakbu Chetcuti fl-1678 u huwa xogħol il-pittur Pasquale Buhagiar. Dun Ġakbu miet fit-12 ta' Settembru 1678, ta' 54 sena. Il-kwadru sar għall-knisja parrokkjali l-qadima minflok ieħor eqdem minnu. Meta missirijietna waqqfu r-Rotunda poġġewh b'għożża fiha. Fl-10 t'Awwissu 1975 ġie sollennement inkurunat. Fl-10 t'Awwissu 2000 tpoġġew 12-il kewkba madwar ir-ras inkurunata ta' l-Assunta li tiddomina dan il-kwadru.

## Matul is-seklu tmintax

Qassis Mosti li ddomina f'dan is-seklu minħabba l-parrokat twil tiegħu ta' 45 sena bħala Kappillan tal-Mosta kien Dun Lawrenz Abela - qassis għaref li kien saħansitra professur tal-Lhudi u ta' l-Għarbi. Tifkira tal-ġenerożità tiegħu għandna xi lampieri tal-fidda mmartellati b'ismu fuqhom li għadhom jiġu wżati sal-lum. Barra minn dawn kien ħalla xi legati b'risq il-knisja parrokkjali li kellna li minnhom gawdiet ukoll il-knisja li għandna llum. Miet ta' 89 sena nhar it-28 ta' Frar, 1742.

Dun Salv Saver Bonnici kien il-Kappillan tal-Mosta mill-1771 sa l-1794. Kien mir-Rabat ta' Malta, imma baqa' magħruf għaż-żelu li bih ħadem kemm dam kappillan tal-Mostin. Tħabat l-ewwelnett biex tkun ikkonsagrata l-knisja parrokkjali l-qadima nhar is-7 t'April, 1774. Fl-1783 irnexxielu jakkwista għall-parroċċa tagħna r-relikwija bl-għadam sħiħ tal-Martri San Paċifiku u f'dik l-istess sena beda jitħabat, għalkemm ma rnexxielux, biex ikabbar il-limiti parrokkjali tal-parroċċa tagħna. Miet nhar is-16 t'April 1794, fl-għomor ta' 71 sena u difnuh fil-Parroċċa ta' Bormla.

Qassis Mosti ieħor li bejn l-aħħar tas-seklu tmintax kien il-Prokuratur tal-knisja parrokkjali l-qadima, kien Dun Franġisk Pullicino, li fost oħrajn ħabrek biex il-parroċċa jkollha *Via Sagra* mill-isbaħ - pittura ta' Rokku Buhagiar u 'l-alliev' tiegħu Antonio Xerri - opra li mbagħad wirtitha wkoll r-Rotunda. Fi żmienu wkoll, u matul il-parrokat ta' Dun Salv Saver Bonnici, sewwasew fl-1791 irnexxielu jġib minn Lyons l-apparat abjad ta' ħames kapep li wieħed għadu jista' jarah fis-sagristija ta' fejn hemm il-bomba. Dun Franġisk miet il-Belt nhar id-9 ta' Mejju 1809, fl-età ta' 59 sena.

## Benefatturi li għexu fis-seklu dsatax

Wara l-mewt ta' Dun Franġisk Pullicino laħaq minflokuu bħala Prokuratur tal-knisja Dun Marin Galea. Kien mill-Mosta wkoll u fost l-oħrajn ħabrek biex kabbar dejjem iżjed il-festi ta' Santa Marija. Kellu d-dar kbira tiegħu fi Triq il-Kbira, bieb ma' bieb mad-dar tal-Markiżi Mallia Tabone. Fil-loġġ tal-ħadid ta' fuq il-bieb kbir ta' daru għadhom jidhru l-inizjali 'D.M.G'. Tifkira tiegħu għad għandna s-Salib il-prim tal-fidda li sar fl-1810 u li hu stess kien ħallas għalih minn butu 1,000 skud.

F'dan is-seklu niltaqgħu mal-Kappillan Żurrieqi Dun Feliċ Calleja, benefattur kbir tal-Mosta u l-Mostin għax kien hu li ħolom li jibni r-Rotunda u għalhekk kien hu l-fundatur ewlieni tagħha. Għaliha kien ħalla ġidu kollu, somma li kienet tammonta għal xi 16,000 skud (madwar 3,000 ewro tal-lum). Għal dak iż-żmien kienet



Il-Kappillan Żurrieqi Dun Feliċ Calleja, li ħolom li jibni r-Rotunda tal-Mosta.



Il-Kappillan Mosti Dun Ġammarì Schembri, li ħadem għal sitta u għoxrinn sena għar-Rotunda.

somma mhux ħażin. Il-Kappillan Calleja miet ta' 85 sena nhar l-20 ta' Frar 1833, wara parrokat ta' 36 sena fost il-Mostin. Mewtu xeħtet il-Mosta fi swied ta' qalb kbir.

Is-suċċessur tal-Kappillan Calleja kellu jkun il-qassis Mosti Dun Ġammarì Schembri li għal sitta u għoxrin sena sħaħ ħadem u tħabat bla waqfien biex jara l-ħolma ta' Dun Feliċ, tiegħu u ta' ħutu l-Mostin issir fl-aħħar realtà. Dan l-ikbar iben li qatt tat il-Mosta kellu jmut ftit qabel ma missirijietna rnexxielhom jagħlqu l-koppla ġgantija tar-Rotunda ta' Grognet. Lil din il-knisja maħbuba ta' qalbu kien taha saħħtu f'ħajtu u f'mewtu ħallieha werrietha ta' ġidu kollu. Miet ta' 60 sena nhar it-28 ta' Settembru 1859, u bir-raġun kollu, il-Mosta kollha kienet bkietu.

Għall-ħabta tal-1840, meta missirijietna kien għadhom bnew biss madwar terz mill-bini tar-Rotunda, sabu ruħhom neqsin wisq mill-flus. Imma l-Providenza riedet li jinqala' l-qassis Żebbuġi Dun Manwel Barbara li ta' kull xahar kien jiġi l-Mosta minn Ħaż-Żebbuġ u jagħti 'l Kappillan Schembri borża flus għall-bini tal-knisja tagħna. B'kollox, dan il-qassis twajjeb, ħabib tal-Mosta u l-Mostin, kien ta 1,640 skud u għalhekk żgur li jixraqlu li ta' l-anqas insemmuh f'din il-kitba.

Ma nistgħux ma nsemmux it-taħbit li waqa' fuq il-Kappillan Dun Anton Mallia li ħadem mhux biss biex jagħmel ħafna affarijiet ta' ħtieġa li kellha bżonn knisja ġdida monumentali li kienet għadha kif inbniet, imma ħaseb ukoll għall-Konsagrazzjoni tagħha nhar il-15 t'Ottubru, 1871.

Hawn ta' min isemmi l-erba' aħwa qassisin Mostin, ilkoll benefatturi tal-Kappella ta' San Ġużepp. Dawn kienu Dun Tumas u Dun Salvu, u l-Monsinjuri Dun Ġużepp u Dun Ġlormu. Dawn it-tnejn ta' l-aħħar ħallsu għat-tliet kwadri li jżejnu din il-kappella. Dawn huma dak li juri l-Għerusija ta' San Ġużepp mal-Madonna - xogħol ta' Giuseppe Bonnici fl-1859, dak li juri l-mewt ta' San Ġużepp - xogħol ta' Salvatore Barbara fl-1861, u l-ieħor li juri l-Familja Mqaddsa fil-ħarba tagħha fl-



Il-Kwadru Titulari tal-Assunta – xogħol Pasquale Buhagiar fl-1678 – sar b'legat li ħalla Dun Ġakbu Chetcuti fl-istess sena.

Eġittu - xogħol ta' Giuseppe Bonnici fl-1866.

Fl-istess Kappella ta' San Ġużepp jinsab midfun Dun Ġużepp Mamo li skont il-lapida li żżejjen qabru ħallas għal dawk l-eżerċizzi spiritwali li konna mdorrijin bihom ftit qabel il-Milied. Ħallas ukoll għall-kanċell ta' l-irħam griż li jdawwar il-presbiterju ta' madwar l-artal maġġur - disinn ta' ħabibu t-tabib arkitett Nikola Zammit.

Ma nistgħux imma, insemmu dawk kollha, li b'xi mod jew ieħor ħadmu kemm felħu b'risq il-knisja u l-parroċċa tagħna. Fl-aħħarnett ikollna ta' l-anqas insemmu lis-Senglean Dr. Dun Pawl Xuereb, l-ewwel wieħed fost l-Arċiprieti li kellna, li fl-1888 għolla r-Rotunda għad-dinjità ta' Knisja Arċipretali. Fl-1899, inkuruna wkoll ir-Rotunda bil-bini ta' dik il-ġmiel ta' lanterna li għandha. Kien ta wkoll il-bidu, biex minn ġidu, għalkemm wara mewtu, isiru l-famużi lunetti tal-Calì, li fuq waħda minnhom tidher l-arma tiegħu. Miet qasir il-għomor, ta' ħamsin sena, nhar it-22 ta' Novembru, 1894.

## Iżjed Benefatturi tul is-seklu għoxrin

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, ir-Rotunda tagħna kien għadha knisja relattivament ġdida, għax kien għadha ilha lesta biss erbgħin sena. Matulhom kienu sarulha ħafna affarijiet, kemm ta' ħtieġa kif ukoll ta' tiżjin. B'dan kollu kien għad jonqos ħafna iżjed. B'xorti tajba tul dan is-seklu nqalgħu iżjed benefatturi kemm qassisin u kemm mhumiex, li fuq l-eżempju ta' dawk ta' qabilhom għamlu li setgħu biex it-tempju monumentali tagħna jkompli dejjem jisbieħ u l-parroċċa tkompli wkoll dejjem iżjed ġejja 'l quddiem.

Sewwa sew fl-ewwel tas-seklu, niltaqgħu mal-Prokuratur wisq ħabrieki li kellha l-knisja tagħna dak iż-żmien, Dun Anġ Camilleri. Donnu li 'l dan il-qassis, il-Providenza ġabitu fostna minn Ħaż-Żabbar, biex propju jagħni 'l knisja tagħna b'opri mill-aqwa. Kien hu responsabbli biex fost opri oħra, saru l-baldakkin il-prim, il-lampier il-prim tal-fidda, il-linef tal-kristall u fuq kollox il-paviment grandjuż, li biex sar għamel tajjeb għalih b'ġidu stess. Minn butu wkoll ħallas għaż-żewġ statwi ta' l-irħam fin ta' fuq il-presbiterju, ta' l-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa li saru fl-1911 - xogħol ta' Sebastiano Spampinato. Kellu sehem ukoll flimkien ma' erbgħa u għoxrin membru ieħor tal-kleru Mosti biex fl-1909 seta' jsir il-pavimentar bl-irħam tal-presbiterju u l-kor - disinn tas-sur Rafel Caruana Dingli.

Barra milli ħallas ukoll xi abiti sagri rrakkmati bid-deheb, ħallas ukoll minn butu għal żewġ kapep minn sett ta' sebgħa ta' l-apparat il-prim li jintuża għal Santa Marija u li kien sar fl-1925 fuq id-disinn ta' Antonio Agius. Waħda mill-kapep ta' dan is-sett kien ħallas għaliha l-qassis Mosti Dun Salv Camilleri. Il-Prokuratur Dun Anġ Camilleri miet nhar it-8 ta' Settembru 1927, ta' 67 sena.

Dik il-ħabta wkoll, għall-aħħar tas-snin għoxrin tas-seklu li għadda, niltaqgħu ma' Dun Salv Grech. Dan flimkien ma' missieru ħallsu għall-ventartal tal-metall għall-artal tal-Kappella tal-Madonna taċ-Ċintura. Fuq, fin-nofs tal-ventartal tidher l-arma ta' Grech. Dun Salv Grech miet ta' 70 sena, nhar it-13 ta' Lulju, 1929.

Qassis ieħor li ħalla t-tifkira tiegħu fil-knisja tagħna kien Dun Pawl Mifsud. Dan il-qassis impenjuż ħadem huwa stess b'xejn l-orgni tal-kor. Dun Pawl Mifsud miet fl-14 t'Ottubru, 1939.

Qassis ieħor, benefattur tal-Mosta u ta' ħutu l-Mostin, kien żgur Dun Karm Sciberras. Dan il-qassis umli u żelanti jibqa' magħruf bħala l-fundatur ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù għat-tagħlim tad-duttrina. Fl-1943 laħaq Arċipriet tal-Mosta, imma kellu jirriżenja minħabba l-mard wara parrokat ta' ħames snin biss. Dritt ġie maħtur Monsinjur Onorarju, imma lanqas dan it-titlu ma kellu jgawdi għax miet ta' 57 sena, nhar it-23 ta' Mejju, 1950.

Kien hemm qassisin oħra Mostin li ma nistgħux insemmu kull wieħed minnhom, li rabtu isimhom ma' ħidma sfiqa fl-Oratorji tad-Duttrina kemm tas-subien kif ukoll tal-bniet. Minnhom insemmu wieħed biss: Dun Anġ Camilleri (iż-Żgħir) li wara snin sħaħ ta' ħidma fost it-tfal u ż-żgħażagħ tal-Mosta fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù kellu jirtira minħabba saħħtu fid-Dar tal-Kleru. Dun Anġ ħalliena ftit ilu, propju fit-12 ta' Lulju, 2009.

## Iżjed Benefatturi li għexu fi żmienna

Żgur li ħafna għadhom jiftakru lill-Arċipriet Dun Pawlin Galea li fost opri oħra żejjen il-knisja tagħna bid-damask. Kien ħallas minn butu stess għall-pavaljun tal-bellus aħmar li jintrama fl-arkatura ta' fuq il-kwadru titulari ta' l-Assunta, barra milli ħallas ukoll għal xi missal tal-fidda li jintramaw fil-festa. Minn Arċipriet tagħna laħaq Monsinjur tal-Katidral. Miet ta' 78 sena, fit-21 ta' Diċembru, 1982.

Matul il-parrokat ta' l-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina, il-portiku importanti tar-Rotunda ġie mżejjen



L-Arċipriet Dun Pawlin Galea.



L-Arċipriet Dun Bert Bezzina.



Dun Salv Magro (1920-2007)

bl-istatwi ta' l-Appostli - xogħol l-iskultur Marco Montebello. L-istatwa ta' San Bartilmew kien ħallas għaliha l-istess Arċipriet Bezzina. Dik ta' San Ġwann ħallas għaliha Dun Ġwann Debono filwaqt li dik ta' San Ġakbu l-Kbir ġiet imħallsa minn Dun Karm Mifsud.

Dun Bartilmew Bezzina, l-Arċipriet ta' l-Inkurunazzjoni, illum Monsinjur, ħallas ukoll għall-istatwa tal-bronż ta' San Ġużepp, li hu ppjanat li se jieħu post dik li hemm illum f'tarf iz-zuntier. Mons. Dun Bartilmew Bezzina miet nhar id-29 ta' Marzu li għadda, imma t-tifkira tiegħu ma titħassar qatt minn fostna. Il-Mosta kollha bkietu. Xhieda ta' dan kien il-funeral memorabbli li sarlu nhar il-31 ta' Marzu, 2009.

Ta' min isemmi wkoll il-ħidma ta' l-Arċipriet Dun Joe Carabott miż-Żejtun. Ħadem biex isir ħafna restawr li kellha bżonn minn barra r-Rotunda. Ħadem biex twaqqfu ċ-Ċentri Pastorali ġodda fil-Parroċċa tagħna. Ħabrek ukoll biex il-Mosta jkollha dejjem iżjed vokazzjonijiet.

Nagħlqu fl-aħħarnett biex insemmu qassis li żgur ilkoll niftakru. Dan kien Dun Salv Magro, li għal snin twal kien il-prokuratur ħabrieki tar-Rotunda li tant kien



L-Arċipriet Dun Joe Carabott.

iħobb. Dun Salv ħallas minn butu għall-pavimentar bl-irħam tal-koppletta ta' fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp. Ħallas ukoll għat-terħa l-prima rrakkmata ta' l-artal tal-Madonna taċ-Ċintura u rsista kemm felaħ biex saru bosta opri sbieħ għall-Knisja Arċipretali tagħna. Kien hu wkoll strumentali biex il-knisja tagħna setgħet takkwista teżori ta' preġju artistiku mingħand il-Familja tal-Markiżi Mallia Tabone. Lir-Rotunda ħallielha wkoll diversi abiti sagri fost ħwejjeġ oħra. Miet ta' 87 sena, nhar il-31 ta' Diċembru, 2007.

Din il-Parroċċa tibqa' tiftakar ukoll fil-ħidma ta' qassisin oħra li kienu prokuraturi tad-diversi fratellanzi li għandna. Tibqa' tiftakar fil-prokuraturi tal-festi l-kbar tal-Milied u tal-Ġimgħa l-Kbira u fl-aħħar, imma mhux lanqas, dawk li ħadu ħsieb il-festa ta' Santa Marija. Dawn kollha, kemm dawk li semmejna u kemm dawk li ma semmejnix, ngħidulhom li t-tifkira tagħhom fostna tibqa' sakemm f'din il-Parroċċa ta' Marija jibqa' wlied denji ta' dan l-isem.

***Referenzi:***


[1] ***Musta - Its Memories and Charms***, *Rev. Dun Edgar W. Salomone, 1911.*

[2] ***Tifkira Għażiża tas-Saċ. Dun Anġ Camilleri*** *- madwar 30 sena Prokuratur tal-Knisja tal-Mosta, 1927.*

[3] ***Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha*** *miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn - verżjoni riveduta ta' l-oriġinal, 1930 u biż-żidiet sa l-1984.*

[4] ***Storja ta' Malta fi ġrajjiet il-Knisja*** *- Alexander Bonnici OFM Conv., 1996 - Il-Mosta u l-Parroċċa f'Ġieħ l-Assunta.*

[5] ***Il-Mosta fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann*** *- Michael A. Sant, 1996.*

[6] ***Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda Tagħhom matul iż-żminijiet*** *- Dr. George Cassar u Joseph GM Borg, 2007.*

[7] ***Il-Mosta - Ġrajjietha u Niesha*** *- Editur Frans Deguara, Soċ. Fil. Nicolò Isouard, Mosta, 2008.*

[8] *It-tagħrif dwar jum il-mewt tal-membri tal-Kleru tal-Parroċċa u kemm kellhom żmien meta mietu kien miġbur minn Dun Salv Magro, eks-prokuratur tar-Rotunda mir-Reġistru tal-Mejtin tal-parroċċa tagħna.*